# Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

CURIA RATIONUM

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hi l-istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li tivverifika l-finanzi tal-Unjoni u tgħin biex ikun hemm użu tajjeb tal-fondi tal-UE.**

- Imwaqqfa fl-1975, is-sede tagħha tinsab ġewwa l-Lussemburgu.
- Saret istituzzjoni tal-UE fl-1993.
- Il-funzjoni ewlenija tal-Qorti tal-Awdituri hi li tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill billi, kull sena, tippreżentalhom rapport ta' verifika tal-kontijiet tas-sena finanzjarja preċedenti.
- Hi tirrevedi l-ġbir u l-infieq tal-fondi Ewropej u teżamina jekk it-tranżazzjonijiet finanzjarji jkunux qed jiġu mniżżla kollha u jekk il-liġijiet ikunux qed jiġu osservati.
- Il-Qorti kellha rwol partikolarment importanti fl-2009 fil-kuntest tal-kriżi ekonomika hekk kif kien hemm sejħiet biex ikun hemm iktar flessibiltà fl-użu tal-fondi tal-UE.
- Minn żmien għal żmien, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri toħroġ rapporti u opinjonijiet.
- Wara li l-Professur Josef Bonnici serva bħala membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għal dawn l-aħħar sitt snin, il-Gvern Malti reċentement innomina lil Dott. Louis Galea biex iservi bħala membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.





MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2200 3300*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*